# IN-NAHLA

TA'

## AGOSTINO LEVANZIN

GAZZETTA TA' CULL GIMGHA BIEX TGHALLEM U TIDDEFENDI IL POPLU

*Omne tulit punctum qui miscuit utile dulci.*

**Giebha żeŭġ dac li gharaf ħallat il ħelu ma'l meħtieġ.**

IL POETA LATIN ORAZJU.

**14.** **5 TA' DICEMBRU 1908.** **L-EUUEL SENA**


## FTEHIM.

In-"Naħla" toħroġ cull nhar ta' Sibt, f'il għaxija.

Il ħlas tagħha hu:— għal ta'l Belt, ta'l Furjana u ta' Ta's-Sliema ħames xelini f'is-sena; għal ta' barra m'ill Belt, sitt xelini f'is-sena; u għal ta' barra minn Malta, seba xelini f'is-sena. Dan il ħlas isir b'il kuddiem, u ista jsir b'is-sitt xhur jeŭ b'it-tliet xhur ucoll.

Ħadd ma jista jissieħeb għal inkas minn sena; u jecc ma jgħarrafnix, għallankas ħmistax kabel, li ma fi ħsiebux igedded, ingħoddu bħala 'msieħeb għa's-sena ta' ŭara.

L-ebda 'rcevuta ma tgħodd jecc ma tcunx iffirmata b-ismi. Min iħallas ta' sena b'il kuddiem ingiblu f'il ġurnal tnax l-avviż żgħar b-xejn; min iħallas ta' sitt xhur, b'il kuddiem, ingiblu erbgħa biss ma tul is-sena; u min iħallas ta' tliet xhur b'il kuddiem, ŭieħed biss.

Min icun irid icompli jgib l-avviż żgħejr jeŭ acbar iħallas scond ma niftiehmu.

Cull imsieħeb, li jcun ħallas, jista jistaksini cull xorta ta' mistoksija basta li tcun serja, onesta u meħtieġa, u jiena nŭieġbu.

In-nies ta'd-dar ta'l imsieħeb icollhom id-dritt jagħmlu il mistoksijiet ucoll.

Cull min igib għaxar imsieħbin ġodda, natieħ tiegħu, għal sena, b-xejn.

F'in-"Naħla" ŭiegħduni li għandhom jictbu daŭna is-Sinjuri, li huma il fjur ta'l chittieba b'il malti:—

G. Borg. M. A. M. D. Id-Direttur ta'l Ġonna Pubblici;— Ġusè Bosco ta' Bona;— Censu Busuttil, l-Ispettur ta'l Ischejjel ta'l Gvern;— il Patri Majjistru Lorenz Caruana. O. P.;— G. Darmanin-Demajo, P.L.; Ġanni Gulia. C.F. M.D.;— A. Lucchese. P.L.;— Il Curunell u Professur Lorenz Manché, M. D.;— in-Nutar C. Micallef De Caro;— E. Mifsud Axiak, P.L.;— V. Mifsud-Bonnici;— G. Muscat-Azzopardi. P.L.;— A. Muscat-Fenech;— Il Cav: u Prof: Napuljun Tagliaferro, li chien Direttur ta'l Educazzjoni;— G. Vassallo;— il Canoncu Vella ta' Għaŭdex;— George J. Vella ta'l Cajr;— il Professur Temistocle Zammit. M.D. id-Direttur ta'l Mużeŭ;— Ġusè Zammit. P.L. u oħrajn.

Għal premjijiet jista jidħol m'hux biss min icun imsieħeb iżda min jixtri il ġurnal ucoll, basta jokgħod għal ftehim li jcun hemm avżat f'in-"Naħla".

Il manoscritti ma 'nreġġħuhomx lura.

L-ittri għandhom jimbagħtu collha il Belt, 37, Strada S. Giovanni; fejn isir ucoll cull ftehim fuk l-avviżi ecc.

# IL COMMISSJONI.

F'Malta chien ilu jsir ħafna tghemghim u il ġurnali chienu ilhom iħambku ħafna li il Gvern għandu bżonn igeŭŭes ftit f'in-nefka ta'l flus ta'l Caxxa ta' Malta għaliex daŭna chienu kiegħdin jixxuttaŭ ġmielhom. Iżda il Gvern għal żmien tŭil mela ŭidnejh b'it-tajjar u ħalla lil cullħadd icanta, Iżda ŭara żmien gie f'dac li chienu kalulu il ġurnali, il Caxxa ta' Malta svujtat u għalecc chellu bżonn imidd għonku u jara x'jakbad jagħmel. Billi il ħajja ta' Malta hi, tista tgħid, gejja m'id-Dŭana u billi id-dħul ta' dina chien nakas seŭŭa, il Gvern tagħna l-eŭŭel ma radd salib għall ŭiċċu chien biex jibda jara chif jista jfejjak il marda ta' dina; u għalecc bagħat igib m'il l-Inghilterra lil Mr. McCarthy biex jistudja id-Dŭana tagħna u jara x'jista ŭieħed iseŭŭi biex jerfagħha u jżidilha id-dħul tagħha. Mr. McCarthy, ragel li katta ħajjtu f'id-Dŭajjen ta'l Ingħilterra u għalecc jaf b'it-tŭila u b'il kasira chif għandhom isiru l-affarijiet, malli gie Malta minnufih intebaħ mnejn chien gej il mard collu; u ŭara li ra b'għajnejh u mess b'idejh collox, u fela b'ir-rekka collha sa l-ankas ħaġa għamel dac ir-rapport famus li jibka jissemma għal ħafna snin. Minn dana ir-rapport sirna nafu li id-Dŭana tagħna għadha miexja bħal ma chienet miexja mitt sena ilu, u li ma chienx hemm ħlief impiegati żejjda. ħala ta' flus u ta' żmien, fi ftit cliem cuccanja minn fuk s'isfel.

Il Gvern meta ra hecc, u meta kara f'ir-rapport li jista jfaddal minn fuk dac id-Dipartiment biss ma'd-DISA T-ELEF LIRA F'IS-SENA baka jrodd is-slaleb u imbala fih in-nifsu. Chif? nistħajjel li kal bejnu u bejn ruħu, mela jecc id-Dipartimenti l-oħra fihom l-istess ħala, kiegħdin imorru ma'r-rieħ cull sena ma'l MITT ELF LIRA li għandhom jibkgħu f'il Caxxa; u issa dana ma kaluhx iżjed il ġurnali iżda ingliż ta'l fiduċja ta'l Gvern stess f'ir-rapport stampat li ħareġ. Illum li il Gvern għandu f'idejh dina il prova hecc ċara chif huma immixxija xi Dipartimenti, ma jistax, biex icun Gvern onest u li jrid il gid ta'l pajjis, jibka b'idejh marbuta u jara collox sejjer ma'l ħamla.

Għalecc ħass il bżonn li jagħmel dic il Cummissioni li ilhom tant il ġurnali iħambku fukħa u li ħambakt fukha jiena ucoll f'numri imgħoddija ta' dana il ġurnal. Iva hemm bżonn li ŭieħed igħaddi minn għarbiel ta'l ħarir id-Dipartimenti ħalli jaraŭ x'ħala hemm u x'nies żejjda hemm biex il flus ta'l Caxxa jiggeŭsu ftit u ma tibkax imkaxkxa chif inhi.

Iżda il Gvern ġa inghidem ghidma cherha b'ir-rapport ta' Mr. McCarthy li chixiflu għaŭaru, igifieri li il Gvern tagħna ma chellux ħila jintebaħ ŭaħdu m'il cuccanja li chienet kiegħda issir f'id-Dŭana; u għalecc issa, billi jistenna li f'id-Dipartimenti l-oħra jsib l-istess, jecc m'hux agħar, ma riedx isejjaħ periti inglizi darb'oħra bħal ma għamel għa'd-Dŭana, u lankas irid isejjaħ maltin li ma humiex b-mod jeŭ ieħor marbuta miegħu, iżda ried li issir il Cummissjoni, b'l-Imħallfin u Capijiet ta' Dipartimenti.

Jiena ma irridx biss noħlom li l-Imħallfin li hemm f'il Cummissjoni jeŭ il Membri l-oħra ma humiex sejrin jakdu dmirhom chif imiss u b'ir-rekka collha; biss irrid ingħid li chiecu ma daŭna il ħafna impiegati ta'l Gvern chien hemm imdaħħla xi maltin indipendenti il biċċa chienet tinxtamm actar tfuħ.

Per esempju: il poplu għandu ir-Rappresentanti tiegħu; il flus ta'l Caxxa huma minn fuk spallejn il poplu. Mela għala ŭieħed jeŭ tnejn m'ir-Rappresentanti ta'l poplu ma geŭx imdaħħla f'il Cummissjoni ħalli chienu jcunu jistgħu jfehmu lil poplu li cull ma sar, sar seŭŭa u b'ir-rekka collha? X'biża għandu il Gvern li juri x'sejjer jagħmel meta jcun bi ħsiebu jagħmlu seŭŭa? Għala il poplu ma għandux icun jaf ħaġa b'ħaġa chif kiegħdin jintefku daŭc il flus li kiegħdin jintgħasru minn fuk demmu?

Mela aħna ħadna pjacir cbir li sejjra issir dina il Cummissjoni għaliex jiena sgur li il Gvern sejjer isib ħafna fejn igeŭŭes f'in-nefka ta'l flus ta'l poplu; biss xtakna li il poplu f'dina il Cummissjoni jcollu sehem billi jissejħu ŭieħed jeŭ tnejn m'ir-Rappresentanti ħalli il poplu jcun moħħu mistrieħ li dac li sejjer isir jintgħamel b'l-istess rekka u indipendenza bħal ma sar ir-rapport McCarthy fuk id-Dŭana.



## WASHINGTON BORG.

F'in-numru l-ieħor semmejt, biex infaħħru, lil dana iż-żagħżuħ li kala, ftit ġmiegħi ilu, tant applaŭsi f'it-TEATRO NAZIONALE ta' Ruma b'id-dramm tiegħu "TRE GIARDINI." Billi chien hemm xi ħadd li ried igħid li dana Borg m'hux malti, chitbulu minn haŭn Malta u Borg ŭiegeb hecc:—

"Jiena bin il mejjet John Borg, malti, li chien banchier f'Lixandra ta'l Egittu, u bin Anna Savarese, taljana, mara tajba ŭisk. Jiena tŭielidt fl-Egittu iżda studjait u kattajt żgħużiti s'fl-Italja; issa, minn ħafna snin, kiegħed f'Napli. Fl-Italja issa dehru daŭna id-drammi tiegħi: *La Semina—Tramonto* — *Rose Rosse—Sensitiva—Il Catechismo di Susetta—Il passato che torna—Tre Giardini.* Da'l ŭakt isir dramm ieħor ġdid tiegħi, *Nuda*, minn ŭaħda m'il l-aħjar Cumpanniji taljani . . . Jiena katt ma gejt Malta, iżda cull tant noħlom biha bħala għira sabiħa, micsija dejjem b'il ŭard u mdaŭŭra b'il cħula ta'l baħar tagħha. Nitma li xi darba nigi biex naraha ! !"



## TEATRI

F'it-*Teatru Rjal* saret il BOHEME ta' PUCCINI li cull-ħadd jaf il fatt tagħha billi ma tgħaddix sena li ma jssirx f'it-Teatru tagħna.

Dina l-opra tant sabiħa u li fiha musica tant ħelŭa u li issaħrec imxiet tajjeb ucoll u l-actar billi fiha tcanta il Primadonna ingliża MABEL NELMA. Cull minn sama lil dina l-artista faħħarha ħafna għaliex għandha leħen sabiħ u kaŭŭi, tħoss il parti u titchellem tajjeb ħafna b'it-taljan għad li hi aŭstraljana. Għamlet tajjeb ħafna ix-xena ta'l meŭt għa'x siltet id-dmugħ minn għajnejn cull ħadd.

Is-SINJURINA RAVAGLIA, bħala *Musetta*, ma laktetx tant tajjeb il parti u għalecc ma intgħoġbotx bħal ma ġralha f'il PESCATORI DI PERLE u bħal ma nitma f'ir-RIGOLETTO.

It-Tenur MORANDO jcanta tajjeb ħafna iżda leħnu ma tantx hu sabiħ għad li hu kaŭŭi; u għalecc il pubblicu ma jifraħx bih bħal ma nixtieklu.

Il baritonu COSTANTINI iseŭŭi dejjem cull meta jieħu sehem f'opra; u DE FERRAN jimxi ucoll bħal ma jimxi il baxx SPANGHER li kala applaŭs sabiħ ŭara li canta il "*Vecchia Zimarra*," għad li cantaha ħafna b'il mod u ħassrilha m'hux ftit m'il ġmiel tagħha. ROVERI dejjem tajjeb, u tajjeb ucoll marret ħafna l-orchestra taħt it-trigija ta'l bravu Surmast POGGI, għad li chiecu ma jmixxix hecc b'il mod l-opra tagħmel effett ħafna aħjar.

Fi ftit cliem ma irridx ingħid li BOHEME bħal din u artisti bħal daŭn ma smajna katt, għa'x allura b'iċ-censier għandi ħila inchisser gheddum is-Sur Arpa bħal ma jagħmlu x'uħud; biss irrid ingħid li il BOHEME hi ŭaħda m'il l-opri li irnexxeŭ d'is-sena u li min imur jaraha ma jibdielux l-actar billi jisma tcanta lil Primadonna MABEL NELMA.

★

Fuk is-SIBERIA ta's-Surmast GIORDANO, li iżżanżnet għal Malta nhar il Gimgħa li għaddiet bħala serata għal daŭc l-imsejħa li tilfu cull ma chellhom f'il ħruk ta's-"Sardinia," u fuk ir-RIGOLETTO li kiegħed isir f'ir-RJAL b'iż-żeŭġ artisti tajba RAVAGLIA u COSTANTINI nitħaddet f'numru ieħor.

★

### IL VAPUR LI INHARAK "SARDINIA".

F'numru ieħor sejjer ingib f'it-tul il ħruk u cull ma naf fuk it-telfa ta' dana il vapur, b'ir-ritratt ta'l vapur kiegħed jinħarak. Min ma hux imsieħeb u jrid iħassel copji ta' dana in-numru jibgħatli ismu u chemm nerfagħlu copji għaliex għal bejħ ma jcunx hemm ħlief ftit. Icun ikum **sold u nofs il copja.**

bla bżonn m'il Caxxa ta' Malta; li ŭieħed iħabrec biex tit-biddel il Costituzzjoni li f-dac iż-żmien chienet imgħarrka ŭisk; biex isiru ir-riformi f'it-tagħlim fl-ischejjel, u biex toctor l-imħabba u isseħħ actar il għakda bejn Malta u l-Inghilterra.

Fl-1875 is-Sur SAVONA ġiè għal l-eŭŭel darba maħtur bħala Cunsiljier ta'l poplu meta chellu 38 sena. Minn din is-sena sa'l 1880, meta sar Direttur ta'l Educazzjoni, baka dejjem jaħdem f'il Cunsill u jicteb f'il «*Public Opinion*» biex isiru ir-riformi li chienu jinħtieġu f'it-tagħlim u f'id-Dipartimenti ta'l Gvern; chiteb ucoll fuk ir-riformi li riedhom isiru f'it-taxxi. Is-Segretarju Principali ta'l Colonji, li chien Michael Hicks-Beach ra li SAVONA chellu raġun biex ibieħ fuk dac li chien kiegħed jicteb; u għalecc bagħat lil F. W. Rowsell, l'il Sir Penrose Julyan u is-Sur Keenan bħala Cummissjunarji biex iseŭŭu it-taħŭid li chien haŭn f'it-tagħlim u f'id-dipartimenti m'il l-aħjar li jistgħu. Is-Sur Keenan chellu iseŭŭi it-tagħlim fl-Università, f'il Liceo u fl-ischejjel ta't-tfal żgħar u dana kabel, tista tgħid, f-collox ma dac li chien kal kabel is-Sur SAVONA. Dic il ħabta miet id-Dr. Saverju Schembri li chien Rettur ta' l-Università. Sir M. Hicks-Beach, fuk il proposta ta' is-Sur SAVONA, ried igħakkad flimchien iż-żeŭġ impieghi ta' Rettur u ta' Direttur ta'l Ischejjel ta't-tfal żgħar; u billi chien ra, minn dac li chiteb, chemm chien jisŭa SAVONA f'dac il post, stiednu biex isir hu bħala Direttur ta'l Educazzjoni, SAVONA dehirlu li għandu jaccetta dac il post u accettah b'it-tama li jista jagħmel ħalna ġid u jmixxi il kuddiem it-tagħlim ta'l poplu. Għal seba snin sħaħ SAVONA mexxa id-dgħajsa ta't-tagħlim f-burraxca kalila, u ŭera li il ħila tiegħu chienet ta min jistagħgeb biha. Billi SAVONA chien gieb fejn ried l-affari ta'r-riformi f'it-tagħlim, ħaġa li chien contra tagħha il Gvern, il għaŭġ u il għerra ma naksuhx. Ivventaŭ is-Senat bħala lgiem għal għamil tiegħu; SAVONA bniedem ta' carattru kaŭŭi fehem malajr li is-Senat sar biex jeħodlu cull setgħa minn ġo idejh u ma riedx ibaxxi rasu taħt il madmad li riecu ikegħdulu; u telak m'il post ta' Direttur ta'l Educazzjoni; ħabbat ma ŭiċċ il Gvern, il ħames mitt lira salarju li chellu, telef u niżel m'il posizzjoni għalja li chellu, u għażel li jarġa jarma l-iscola basta ma jigix mirfus u mgħacches m'il l-għedeŭŭa tiegħu; ħaġa li turina b'iċċar chemm SAVONA chien jaħseb ta' ragel u ma jħallix min icasbru għal l-intetess. Dana ġara fi żmien il Gvernatur Simmons. Fi l-20 ta' Ġunju ta'l 1887, dehret f-Londra, fejn chien jinsab, l-ittra famusa tiegħu li chiteb l'il Sir H. T. Holland fuk id-drittijiet ta'l Maltin li jcollhom il Gvern Responsabbli (Self Government). Meta raġa ġiè f-Malta, il «*Public Opinion*» beda joħroġ ta cull jum. Fl-1889 ġiè maħtur, b-cotra cbira ta' voti fuk l-oħrajn, bħala Cunsiljier ta'l poplu taħt il Costituzzjoni il ġdida ta'l 1887 għal l-eŭŭel u it-tieni distrett; u baka sa'l 1898 meta ŭaħħal f-rasu li jitlak il Politica u jgħejx il ħajja privata ta' Surmast biss. Fl-1891 chiteb l'is-Segretarju ta'l Colonji ittra kaŭŭia talli chienet tħassret il Costituzzjoni ta't 12 ta Dicembru ta'l 1887. F-dil ħabta SAVONA chien kiegħed jiccumbatti, ta' ljun, b-ħiltu collha, u chien jicteb fl-istess ħin tliet ġurnali: Il «*Public Opinion*» bl-ingliż, il « *Patriota* » b'it-taljan u'il « *Malta Tagħna* » bi'l malti, ġurnal li għalchemm SAVONA chien telak ilu żmien id-direzzjoni tiegħu, għadu joħroġ sa'l-lum.

L-eŭŭel *meeting* li għamel chien fl-1879, taħt is-Sur ta'l Miratur ta'l Furjana flimchien ma' Frangisc Saverju De Cesare contra min chien kiegħed imexxi il gvern ta' Malta dic il ħabta. F'is-16 ta' April ta'l 1891 għamel il cbir *meeting* fi Pjazza Regina, il Belt, contra it-taxxi, meta il Gvern ried joħlok, permezz ta' daŭna, 150,000 lira sterlina; għad li, li stess Segretarju ta' l-Istat chien kallhom biex jiġbru biss 5,000: F-dana il *meeting* ha sehem ucoll il President ta'l Camra ta'l Cummerċ. L-agħda il Gvernatur ordna malajr l'il l-Avucat ta'l Curuna biex jirtira il progett ta't taxxi. F'it-8 ta' Jannar ta'l 1893 għamel *meeting* ihor cbir fuk il Fosos ta'l Furjana contra il gvern ta'l Conti Strickland. F'id-29 ta Ottubru ta'l 1893 għamel *meeting* cbir contra id-Dispaċċ ta' Lord Ripon ta't-8 ta Settembru ta'l l-istess sena, li fih dana il Ministru ingliż ried icasbar id-drittijiet ta' l-Iskof tagħna. F'it-2 ta Ġunju 1895 saret il cbira għakda bejn il poplu u SAVONA, u chif ġa għedna ġiè maħtur bħala cap ta'l partit ta'l poplu. Mil l-1895 sa'l l-1897 SAVONA għamel bosta *meetings* biex nakilgħu minn għand l-Inghilterra il Gvern Responsabbli (Self Government) u li f-ŭieħed minnhom SAVONA chien ta' lil Banda ta' l-Isla standard sabiħ li chien inġabar minn flus il poplu bħala turija għal ħeġġa cbira li in-nies ta' dic il belt glorjusa chienu ureŭ f-daŭc il *meetings*. F'il 11 ta' Aŭŭissu ta'l 1895 nhar ta' Ħadd, f'il 5 ta' ŭara nofs-inhar SAVONA żamm *meeting* fi Piazza Regina, fejn il candidati, ŭara li SAVONA fisser x-chien fih il programm biex nakilgħu il Gvern Responsabbli, ħalfu li għandhom jaħdmu chemm jifilħu biex tirnexxilhom dina ix-xeŭka sabiħa tagħhom. F'l-1897 sar *meeting* iħor, fuk l-istess ħaġa, il Blata il Bajda fejn ħa sehem ucoll il Marchis u Avucat Alfredu Mattei, ŭieħed m'il l-aħjar patriotti li għandna. U x-inghidu 'mbagħad m'il cbar *meetings* li saru minn SAVONA fuk il questioni taż-żŭieġ, li fihom chienu jieħdu parti eluf cbar ta' nies u li f-ŭieħed minnhom chien hemm ma's-60,000 ruħ? Daŭna saru f'it-8, f'il-15 u f'it-22 ta' Marzu 1896, u f-dan ta l-aħħar SAVONA ġiè merfuħ fuk bradella b'il Cappillan ta' San Duminicu f-banda 'l uaħda u bl-Arcipriet ta' San Paul f-il banda l-oħra u 'mdaħħal kalb għajjat ta' ferħ u ċapcip ta'l idejn minn fuk il Fosos sa'd-dar tiegħu, 'mdaŭŭar b'il bandieri, b'il baned, b'il vari kejsu uieħed mi'l generali rumani ta'l antic meta chienu jidħlu f'il Campidolju ŭara li jcunu għamlu xi rebħa cbira. Ŭara dana il famus *meeting* li ma jintesa katt SAVONA bagħat ittra li għada tissemma sa'l-lum l'il l-Inghilterra u li giet iffirmata m'il l-Iskof, m'il Cleru u minn biċċa cbira m'ill poplu.

Jecc ŭieħed irid idomm ħaġa b'ħaġa dac collu li SAVONA għamel, kal, chiteb u sofra għal Malta irridu ctieb sħiħ: ir-registri ta'l Cunsill u il ġurnali li chiteb jibkgħu bħala monument l-actar sabiħ ta' chemm ħadem u seŭa SAVONA għal ġid ta' pajjisu.

F'l-1898 SAVONA irtira m'ill politica u rama' il Culleġġ «San Paul» f-il Palazz Caraffa ta' Str: Forni, il Belt; igifieri raġa beda jagħmilha ta' Surmast bħal kabel, sengħa li għaliha ma nafx liema malti ieħor sata' jħabbata miegħu għaliex minn taħt idejh ħareġ il fjur ta' l-aħjar nies bravi f'il 'lsien ingliż li għandna. Iżda l-imħabba li chellu lejn pajjisu ma chienitx tħalliħ qŭiet. F'it-28 ta' Aŭŭissu ta'l 1901, meta Malta chienet m'il ġdid xeŭŭiexa ŭaħda contra il ħolkien ta't-taxxi, SAVONA bagħat ittra l'il Re Eŭŭardu biex ifehmu fiex chien jinsab il poplu Malti, u fuk l-istess ħaġa bagħat ittra, collha 'lment, l'il Ministru Chamberlain f'Settembru ta' l'istess sena. Ittra oħra ressak SAVONA f'l-1902 l'ir-Re Eŭŭardu VII meta dana għoġbu jiġi jżurna; u id-duda ta'l chitba f'il ġurnali ma chienitx inkerdet f'SAVONA għal collox, għaliex baka' jsamma leħnu f'il «*Malta Tagħna*» f'il «*Malta Times*» f'il «*Malta Herald*» u, sa gimgħa kabel miet, f'il «*Public Opinion*» li chien raġa irxoxta ftit xhur ilu.

Iżżeŭŭeġ ma' Filomena, bint l-Ispettur ta'l Pulizija Caruana, ragel ŭisk kalbieni u li miet vittima ta 'd-dover tiegħu, għaliex giè maktul minn suldat Pjemontis fi Strada Sta. Lucija, kuddiem Żerrek, meta daŭna is-suldati Piemontisi chienu kamu xeŭŭiexa uaħda għaliex ma riedux imorru għal gŭerra ta'l Crimea. Daŭna daħlu il Belt u taŭ is-salt biex iħarbtu il ħŭienet, bdeŭ jitkabdu bejniethom u ma cull min jiltakgħu; l-Ispettur Caruana f-loc li scarta baxx baxx daħal ġo nofshom ifierak u ŭaka fl-art mejjet minfud minn dakka ta' stallet li kala' minn għand ŭieħed minnhom. Savona chellu rispett cbir uisk lejn dina il mara li dejjem għarfet tilka b-sabar cbir l-imrar u is-slaleb illi tcarcar ŭarajha il ħajja collha xeŭc u pŭieni ta'l politica, tant li jien cont dejjem insejħilha « mara kaddisa. » Savona chien jaf x'ġaŭhra chellu, għaliex minn mindu tilef lilha, ftit snin kablu, baka' sejjer dejjem lura u katt ħadd ma raħ izjed jitbissem. Savona chien veru missier ta'l familja; il ħajja privata tiegħu hi bla tebgħa; rabba l'uliedu f'il biża t'Alla u minnhom għamel ħafna 'rgiel li bħala curuna ta' gieħ jonoraŭ ismu. Savona chien veru nisrani, chien ragel ta' kalb tajba u ħanina u katt ħadd meta chellu bżonn ta'l għajnuna ma sab il bieb mgħaluk għalieh ta dana il binedem cbir tasseŭ tant f'il ħajja pubblica chemm ucoll f'il ħajja privata, cbir għal għert ta' moħħu u cbir għall-imħabba lejn Malta u lejn għajru li dejjem chienet tħaġġeġ f-kalbu, tant cbir li Malta m'hux biss katt ma chellha iżda ma nafx meta jista icollha bniedem iħor cbir daksu fil Politica jeŭ li jista jimla postu. Meta cont tisimgħu jitchellem f'il Consill jeŭ f'il *meetings* chien isaħħrec, chien igighel jammiraŭh l'il l-istess għedeŭŭa tiegħu. Chien jicteb u jitchellem tajjeb b'it-taljan u bl'ingliż li ftit Maltin chienu jistgħu iħabbtuħa miegħu. Barra minn Malta, u l-actar fl-Inghilterra u fl-Italja, chienu jafu actar minna x-jisŭa; u il biografija li chiteb tiegħu il-letterat taljan Renier fil ġabra ta biografiji li chien ħareġ taħt l'isem ta': «Contemporanei Illustri» (Nies Cbar Hajjin) hi biż-żejjed biex tippersŭadina li ġo Ruma SAVONA chien magħdud bħala uieħed min nies cbar ta id-dinja, u is-Sur Ġużè Muscat-Azzopardi jista jgħidilcom b-liema cliem faħħru Il Cardinal Rampolla, li chien Segretarju ta'l Papa, meta dana tchellem miegħu fuk SAVONA. SAVONA chien iħobb il poplu baxx ŭisk, u thabat u chiteb chemm felaħ biex jatieh id-daŭl u jakbeż għalieh tant illi ŭieħed jista igħid li għal ħamsin sena sħaħ SAVONA ma għamilx ħaġ'oħra ħlief tħabat b-ħiltu collha biex igħallmu u jakbeż għalieh.




SAVONA miet fl-24 ta' Lulju ta'l 1908, f'it-tmienja niekes qŭart ta' filgħodu, nhar ta' Gimgħa, f'il Palazz Caraffa No. 94, Strada Forni il Belt, fejn chien jokgħod u fejn chellu il Culleġġ. Il marda tiegħu, ta'l clieŭi, chienet kàsira ŭisk, xi għaxar ti-jiem, u ħatt ma ħaseb li inxteħet biex ma jkumx iżjed. Miet b'is-Sagramenti, għaliex SAVONA chien veru nisrani bla ma chien ipocrita u bigott; u l-aħħar cliem li kal chien li cull ma għamel f-ħajtu, għamlu għal pajjisu u gha'r-Reliġjon. Difnuh l-agħda, l-id-9 ta' filgħodu, f'iċ-Cimiterju ta'l Addolorata, f'il kabar No. 2, ta'l Compartiment B, ta's-sezjoni N, divisjoni ta' Lvant. Accupanjament ma ehellux, ħlief il familja, għaliex ma riedx, u ix-xeŭka tiegħu ma ħassarha ħadd.

Il pajjis collu għamillu vistu cbir għaliex cullħadd jaf li f-SAVONA Malta tilfet m'hux biss ŭieħed m'il l-ulied li chienu l-actar jagħmlulha unur saħansitra ġo l-Inghilterra u fl-Italja, iżda ucoll ŭieħed m'il l-akŭa difensuri tagħha, għaliex anche meta chien icun ħiemed cullħadd chien jaf li chien iljun, u ħadd ma chien jiżżarġan ħafna, għaliex cullħadd chien jibża m'ill għajat tiegħu.

Jixrak, għalecc, li aħna ŭara meŭtu, naħsbu għallinkas ftit f-ruħu, u li jecc ŭieħed jigbor xi ħaġa ta'l flus żejda jitħabat biex jagħmillu monument sabiex ismu jibka ħaj għal dejjem, ħalli iħaġġeġ il klub ta'l Maltin għal l-imħabba ta' pajjishom b-dac in-nar kaŭŭi li chibes għal ħamsin sena sħaħ fil kalb ta'l cbir Patriott Malti, SIGISMONDU SAVONA.

Is-Sur Cicc Attard ġabarli ħafna dati u tani ħafna imformazzjonijiet għal dina il ħajja ta's-Sur Savona, għalecc jiena irrid nirringrazzjah b'il kalb collha.

Jiena ġa ħabbart f'numru ieħor ta'n-"Naħla" li chien kiegħed jitŭakkaf Cumitat biex isiru funeral u monument għal SAVONA. Promoturi ta' dana il Cumitat aħna jiena, Monsinjur Panzavecchia u Ninu Dalli. Accettaŭ li jieħdu sehem f'il Cumitat it-tabib Pullicin, is-Sur Bencini u it-Tabib Inglott. Kiegħdin nistenneŭ risposti oħra. Nitma li dana il Cumitat ma jmurx ma'r-rieħ biex b'hecc incunu nistgħu natu gieħ lil Cbir Patriotta chif jistħokklu.

A. Levanzin.

Nhar il Hamis li għadda fetaħ f'Ta's-Sliema Cinematografu ġdid **Sanspareil** li hu ŭieħed m'il l-isbaħ li għandna f'il pajjis. Il pellicoli huma ta' l'aħjar djar u is-soġġetti interessanti ħafna u collha xierka, li jistgħu jaraŭhom il familji. Mela jecc tmorru erba passi sa'x-Xatt la tonksux li tonfku żeŭġ soldi u tidħlu taraŭ programm sabiħ.



# IS-SAHHAR FALZUN

## RUMANZ MALTI ORIGINALI

TA'

## AGOSTINO LEVANZIN

Dic inhar ta'l Imnarja, x'ħin rani ma' Marija, De Saqueville sar ŭiċċu m'il leŭn in-nir u beda jisfar, jisfar sa tbiddel f'sura ta' mejjet, tant, li jiena stħajjiltu sejjer iħossu ħażin u jinstabat ma' l-art. Dana collu sar f'chemm ili ingħidlec għaliex ŭiċċ il Cavalier malajr raġa tfaŭŭar b'il ŭardiet li dejjem isebbħulu ħaddejh, tbissem jidħak daħka xotta, xotta, bejn snienu, li biha ried ifisser ħafna kerk u ħiena, daŭŭar dembu u baka sejjer b'id ŭaħda jobrom il mustaċċi u bl-oħra igħażżaż il pum t'ax-xabla.

Minn dic inhar katt ma gera iżjed ŭara Marija jeŭ nibixha. Iltaka magħha xi darbtejn oħra, ŭara, fuk is-Sakkajja, iżda baka għaddej dritt bħallichiecu katt ma chien jafha.

Marija serrħet rasha u serraħta jiena ucoll għaliex fhimna li chien kata jiesu minnha. Conna nafu ucoll li mela għajnejh bic u li chien tiela u nieżel l-Imdina biex jarac; u għalecc katt ma bsarna li ġo'l kiegħ ta'l misħuta kalbu chien kiegħed ibejjet dac il ħsieb icreħ li għandu jisrak lil Marija biex jitħallas f'ħin ŭieħed minnha u minni talli ma kagħditx għa'r-rieda karrieka tiegħu.

Chif taf inti, ġranet ŭara l'Imnarja, omm Marija ħassha ħażin seŭŭa, li it-tobba ma chienet xejn għajnhom fiha u li l-aħħar tama tagħhom chienet fl-arja ta'l baħar. Għalecc Marija u ommha chellhom jinżlu jgħammru f'id-dar li għandhom f'San Paŭl-il-Baħar, u hemm m'hux biss kattgħu is-sajf collu, iżda, billi Marija rat l-ommha gejja dejjem il kuddiem, riedet ucoll iġgebbed biċċa m'ix-xitŭa. Iżda billi Jannar d'is-sena bi ħsiebhu juri snienu għaliex beda kieraħ m'il l-eŭŭel, it-Tabib Axak ŭiddeb lil Marija li aħjar tinġabar lejn l-Imdina għaliex baża m'il chesħa ta'x-xitŭa u li jecc tigi il meŭt fukha f'San Paŭl (fejn ma hemm la tobba u la duŭa u lankas għajnuna u ŭens ta' kraba) chienet issib ruħha f'taħbila li ma bħala. Jiena ucoll għidtilha li tisma minn dac li kalilha it-tabib u serraħt rasi meta Marija kaltli li daŭc il ġranet chellhom jitilgħu.

Dic inhar stess li ġrat is-serka tagħha, meta jiena cont sejjer għal Selmun u tajt dakka ta' għajn biex nara chif inhuma, Marija kaltli li chienet kiegħda tħejji il ħŭejjeġ biex jitilgħu u talbitni biex, jecc jista jcun, l-agħda ninżel biex nitla magħhom; u jien għidt iva. Iżda takliba kaŭŭija li tat l-ommha ftit ħin ŭara li tlakt jien, geghlitha tbiddel il ħsieb u b'il beżgħa li ommha sejjra tmutilha hemm, bla ma kagħdet taħseb li chien riesak il lejl, jeŭ li chien is-sema imgħobbi b'is-sħab, geghlet malajr lil Ġamri li jarma il caless biex jieħodhom l-Imdina. Ġamri dac il ħin chien f'id-dverna ta' Marjann jixrob l-imbit ma' Petrozz li, bla ma ħadd fehem għala, chien ilu jsecsec u jimraħ f'daŭc l-inħaŭi.

Ġamri ħareġ b'il lajma l: lajma biex jarma il caless, u Petrozz richeb iż-żiemel, li chellu marbut ŭara il bieb, u lebbet lejn in-Naxxar.

Fejn mar u għala tista taħsbu malajr.

Ġamri rama il caless, għabba xi ftit sarar, għien lil Marija tŭieżen l-ommha sa tellgħuha f'il caless, u telku lejn l-Imdina. Ġamri ħabat sejjer igħidilha li l-ajru mkalleb, li sgur chienet sejjra tilħakhom ix-xita, li chien chiser il-lejl, iżda Marija, ta' kalbiena ll h:, malajr kaltlu: "Tibżax, Ġamr. bogħod ŭisk ma hemmx, suk ftit u malajr naslu. Min sejjer isabbarni inkatta il lejl haŭn ŭaħdi b'ommi jħossa ħażin? U jecc icollha bżonn ta'l vjaccu u ta't-tabib mnejn immorru nakilgħuhom da'l ħin?.. Le, le, aħjar ninġabru"... u Ġamri richeb fuk is-saldatur u beda jsuk. Bdiet nieżla ix-xita, Ġamri ħarrec ftit actar ħaj, Marija nidmet milli għamlet, ħasset f'kalbha x'igħidilha li għamlet ħażin, xtaket li tarġa l-ura u tkatta il lejl f'San Paŭl, iżda chienu ġa katgħu biċċa triek ġmielha u Marija ma riedetx għal elf scud iddaħħac in-nies biha li jaraŭha marret ħadet tixribha m'ommha u reġgħet l-ura. Għalecc leffet l-ommha m'il l-aħjar li setgħet f'ir-rocna, tghezzet hi ucoll ħdejha, bdiet tgħedŭed xi talba taħt ilsien, u blex ma tħassibx l-ommha b'xi għaŭġ, uriet ruħha fuk tagħha u bla biża ta' xejn.

F'dakka ŭaħda, chif ŭaslu f'ras it-telgħa, semgħet il Ġamri igħajjat u jsuk l'iż-żiemel chemm jiflaħ, iżda għal ftit passi għaliex dana giè minnuħ imŭakkaf. L-omm b'il ħasda tbiccmet u tatha bħal għaxŭa. Marija, actar kalbiena, xirrfet rasha u rat ragel imkabbad ma' ras iż-żiemel, ieħor isodd ħalk Ġamri biex ma jgħajjatx, u ieħor li ta' is-salt biex jidħol ġo'l caless. Ġamri, xŭejjaħ, b'is-sittin sena li għandu fuk spallejh u b'il ħasda li ħa, ŭaka borra; Calanġ tefgħu taħt ħajt u ŭiddbu b'is-seif f'idu, li jecc biss jitniffes jonxru bla cliem ta' xejn. Dac li ta' is-salt biex jidħol f'il caless ehien De Saqueville. Marija, malli lemħitu riesak lejha biex igħannakha u malli beda jgħidilha li ma tinkatax u li ma chellha biża ta'xejn, malajr intebħet x chien sejjer igħaddi minn għalha, malajr fehmet għala ŭakkfu il caless daŭc it-tliet chiefrin. B'saħħitha collha imbuttatu il barra; b'ħilitha collha ŭarrbitlu dirgħajh minn ma dŭar għonkha u fommu il karrieki minn fuk fommha; b'il kaŭŭa ta' leħinha collu kaltlu li hu chien bniedem giefi u li ma chienetx tixraklu dic il libsa ta' Cavalier biex f'loc li jakbeż għa'n-nisa u għal morda jmidd idejh fukhom u jatihom dic il ħasda collha.

Marija ŭerżket, tħabtet, issarat b'chemm gietha ħila, iżda għal xejn. Ix-xita chienet nieżla seŭŭa u min sata jisma leħinha? Meta il Cavalier ra li ŭaħdu ma satax joħrogħa minn ġo'l caless sejjaħ lil Petrozz biex igħinu. De Saqueville żammilha idejha, Petrozz kabadha bħal tuffieħa, il Cavalier tala malajr fuk iż-żiemel tiegħu; f'il ħin li Petrozz għinu sa talla lil Marija f'ħoġru, ŭara li leffeŭha seŭŭa biex ma tintgħarafx, u telak isuk biha kuddiem. Marija meta rat li cull ma għamlet chien collu għal xejn, u ŭara it-tbakbieka u il ħasda li ħadet, u x'ħin rat li sejjra tħalli l-ommha għaxja f'idejn Calanġ, tatha bħal rekket-ir-ruħ u intilfet. De Saqueville ghezzizha tajjeb ma ħdanu u sak chemm felaħ ħalli jfittex jasal.

Petrozz kabab lil Ġamri m'il l-art fejn chien mixħut gozz, imbażża u mibluħ, ŭiddbu li jecc isemmi isimhom miegħu chellu jagħmilħa għa'x ibejjtu u jneħħilu ħajjtu, u ŭara li Ġamri ħalef li ma għandux jitniffes min chienu, għinu jitla fuk is-saldatur u kallu biex iŭassal lil Barunissa f'darha l-Imdina. Hu u Calanġ malajr ricbu fuk iż-żŭiemel u lebbtu, b'chemm chellhom ħila, biex jilħku lil De Saqueville.

*(Jissocta)*

# LOGHOB.

## XARADA.

Nota l-*eüüel* nota *it-tieni*,
Hbieb *it-tielet* ma'l clamar.
Għad li ċchejchen *l-intier* tiegħi
Jista f'siegħa jekred dar.

LEV:

## TIFSIR TA'L-LOGHOB TA'L GIMGHA L-OHRA

XARADA:—Aic-la.

Fissruha tajjeb:—

Spiru Navarro (Il Belt); C. Abela Hyzler (Sliema); L. Pace (Sliema); L: Attard (Raħal Ġdid); A. Mercieca (Musta); Leonard Ellul (Chir-cop); Alb: Cefai Aquilina (Sliema); A. Farrugia (L-Imdina); C. M. De Sani (Il Belt); F. Hass (Sliema); C. Zammit (Ħal Kormi); Patri Ugclin Mercieca (Rabat); J. Bartholo (Sliema) A. Gaetano Grixti (Gudja.)

## Lil l-Imsiehbin.

Nitlob lil daüc l-imsieħbin li għadhom ma ħallsux l-eüüel tliet xhur li ma jokogħdux iħabbtu l'ir-ragel li bgħat b'-ir-ricevuti biex iħallsuh, u li ma jokogħdux iżiduli spejjes għa'x il gazzetta fiha b'iż-żejjed, ħalli nibkgħu ħbieb.

Nitlob ucoll lil daüc l-imsieħbin ta'l campanja fejn għandi ftit imsieħbin li jibagħtu il flus ta'l abbonament bolli ta't-tlieta u jiena nibagħtilhom l-ircevuta b'il posta għaliex ma jakbilx li nibgħat ragel apposta bl-ircevuti. L-imsieħbin, jecc iridu jaraü tgħaddi il kuddiem l'in-"Naħla," għandhom jagħmluli il kalb billi ma jħabbtunix għal ħlas.

Min jictibli fuk xi ħaġa u ma inüieġbux malajr f'loc li jieħu fastidju għandu jieħu ftit ta'l pacenzja għaliex il ġurnal fih xogħol üisk u ma nistax inlaħħak chif nixtiek ma cull-ħadd.

★

HAREĠ IL CTIEB SABIĦ
**"IL MAHBUB TA' GESÙ."**
TA' S-SUR ĠUŻE MUSCAT AZZOPARDI, B'IL ĦAJJA U B'IR-RITRATT TA' L' AÜTUR, B'IN-NOTI U BI STAMPA SABIĦA "SAN ĠÜANN EVANGELISTA F'PATMOS."

DANA IL CTIEB HU STAMPAT FUK CARTA M'IL L-IFIEN U GHALCHEMM FIH FUK IL GHOX-RIN FAXXICLU SEJJER JIMBIEH **XELIN U NOFS BISS** IL COPJA. MIN HA L-EÜÜEL TNAX IL FAXXICLU U MA KAGHBARHOMX IGIBHOMLI U JIENA NATIEH UIEHED MEHJUT U LEST. IXTRUH HALLI TAKRAU CTIEB TASSEU SABIH.

A. LEVANZIN.

Min irid ipejjep sigarri "Verginja" ta'l aħjar qüalità jixtri daüc li jinħadmu f'il Fabbrica ta' Feliċ Ebejjer, 22 Strada Concezione, Bormla.

Għand Carmnu Delia ta' Strada Marina, Bormla, jinsabu għal bejħ mobbli ta'l geüs u ta'l caüba m'il l-isbaħ u bi prezzijiet irħas. Min jipprova joħroġ għal kalbu sgur.

Tridu tinkdeü b'Dentista tajjeb għal kligħ u għa'x-xogħol? Morru għand is-Sur Alfons Urso, kuddiem il Għajn ta'l Pjazza ta' Raħal Ġdid u ma jibdielcomx.

Fl-Economical Central Dispensary ta' kuddiem il Għajn ta'l Furjana jcun hemm il vista ta't-Tabib m'it-8 sa'd-9 u nofs ta' f'il għodu u m'it-3 u nofs sa'l 4 u nofs ta f'il għaxija, cull jum.

Düardu Carabott ta' Via Boschetto, ir-Rabat, ibieh sigarri Virginja, bl-ingrossa u bl-imnut u jilka għal l-ichel lill cull min irid jiecol buccun tajjeb u b'irħis.

Dar cbira għal chiri tajba għal żeüġ familji fi Strada Annunziata, No 52, il Ħamrun; u ħanut cbir, il Furjana, Str. Botanico, No. 14. Min irid x'informazzjoni fukhom jigi fl-uffiċċju tiegħi.

Min irid crietel vojta għal patata b'il 2 xelini u tliet soldi il üieħed imur għand Bernard Zammit, 11, Flag Stone Wharf, il Menka (Marsa).

Min icollu bżonn li jircanta jeü jistma xi ħaġa, jeü min irid jixtri fajjenzi, affarijiet ta'l mejda, jeü mobbli seconda man ucoll imur għand is-Sur Diomede Azzopardi, No. 10A. Strada Reale, Il Belt, jeü fuk S. Paul, Bormla.

Is-Sur Salv: Zammit hu l-Agent għal Malta ta'l imfaħ-ħra Dar ta'l fjuri u siġar, Nastasi e Figlio. Dal üakt jasal f'Malta Salv: Nastasi biex jieħu l-ordnijiet ta' Camelji, Gardenji, siġar ta'l frott u ħamrija ta'l felci. Min irid jordna xi ħaġa jmur fi Strada Stretta No. 146. Il Belt, cantuniera ma Str: Santa Lucija.

Għa't-tfal ta'l Iscola Billion li jokogħdu il Belt, il Furjana jeü l-Imsida hemm omnibus apposta biex jieħodhom u jgibhom ta' cull jum u jcunu inducrati minn surmast li jieħu ħsiebhom.

Min irid jixrob il veri imbejjet naturali imur għand Rafel Raggio fi Strada S. Paolo, 34A. Ta's-Sliema.

Min irid jixtri ħüejjeġ ta' rġiel u ta'n-nisa, cpiepel u umbrelel u ġugarelli tajbin u irħas imur għand Chelinu Tirchett fi Strada Marina, 46, Bormla.

Zenobio tal Ħamrun javża li għandu għal bejħ, bi prezzijiet irħas, dac collu li jinħtieġ biex tarma carrozzi u carrozzini.

Min irid jixtri cażimiri ta'l fantasija u jħit ħuejjeġ fuk l-aħħar moda jmur għand Vincenz Briṅcat, 135 Str. Britanica, il Belt.

F'id-Duke of Cannaught Bar, ta' P. Camilleri, ta' Strada Teatro. Il Belt issibu xorb, imbejjet, birra, cafè u sigarri m'il l-aħjar.

Min irid sruġ u ħuejjeġ ta'l ingenji tajba jmur għand Azzilla u Costa ta' Strada Reale, 298, il Belt.

Għand il Parrucchier ta' Strada It-Torri, No. 2, ta' Ta's-Sliema issibu profumerjia u komos m'il l'aħjar.

Min irid icollu fuku libsa meħjuta suret in-nies u bi drappijiet fini jmur għand Ġanni Valenzia, f'it-Triek ta'l Cnisja, Bormla, u ma jibdielux.

Min irid jitgħallem ifassal seüüa ilbiesi ta'l-irġiel u ta'n-nisa imur għand il Professur Vincenzo Grech, Strada Alessandro, No 5 (fuk Putirjal) il Belt, li tgħallem fl-Accademji ta' Londra, ta' Parigi, u ta' Torin.

Tridu tpejjpu sigarretti m'il l-aħjar u m'il l-orħos?
Ixtru is-sigarretti "Imperial" ta' Alfredo Caruana ta' Ta's-Sliema li jimbihu f'il ħüienet prinċipali.

Stamperija «Excelsior» 37, Strada San Giovanni, Il Belt.